# TINŻAMM IL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI TAL-LOMBARD BANK

Ic-Chairman tal-Lombard Bank, Christian Lemmerich, spjega lil-Laqgħa Generali Annwali ta’ l-azzjonisti kif il-Bank kiseb riżultati tajba fl-2003, bi tkabbir fil-profitti u żjieda fl-attivita’ tan-negozju. Il-Lombard Bank għamel profitt qabel it-taxxa ta’ Lm2.16 miljuni għall-15 il-xahar li għalqu fil-31 ta’ Diċembru, 2003, żjieda ta’ 53% fuq it-12 il-xahar li għalqu fit-30 ta’ Settembru, 2002, jew titjib ta’ 24% jekk wieħed jeħodhom sena b’sena.

Mr Lemmerich kien qed jindirizza l-Laqgħa li ssejħet illejla fil-bini tal-Kamra tal-Kummerċ, il-Belt Valletta. Fost ix-xogħol tas-soltu, il-Laqgħa approvat ir-rakkomandazzjoni tad-Diretturi li jitħallas dividend ta' 9ċ0 kull sehem, li jiżdied mas-6ċ0 kull sehem li tħallsu f’Ottubru 2003. Il-Laqgħa approvat ukoll riżoluzzjoni li tħalli l-azzjonisti jagħżlu jekk jirċevux id-dividend fi flus jew permezz tal-ħruġ ta’ ishma ġodda. Xi ġimgħat ilu l-Bank kien ħabbar l-attribution price ta’ Lm3.705 li bih jiġi kalkolat il-ħruġ ta’ ishma ġodda. L-azzjonisti approvaw ukoll il-ħatra mill-ġdid ta’ KPMG bħala awdituri tal-Bank, kif ukoll ir-remunerazzjoni tad-diretturi.

Il-Laqgħa kienet informata bix-xogħol li għamel il-Bank u l-progress miksub matul il-perjodu. Minkejja kundizzjonijiet ekonomiċi mhux faċli fl-2003, il-Bank kellu tkabbir fl-attivitajiet tiegħu u għaraf jisfrutta ntrojti ġodda u jiddevirsifika d-dħul tiegħu. Iċ-Chairman tkellem dwar kif il-Bank kompla jkabbar il-profil tiegħu fil-corporate banking, u jtejjeb il-prodott lill-klijentela privata.

Fost il-kisbiet tal-Bank, Mr Lemmerich semma t-tkabbir fil-profitabilita’, il-cost/income ratio baxx (li jirrifletti effiċjenza fl-ispiża), dħul fuq il-kapital ta’ 15% u solvency ratio ta’ 19% - kollha kemm huma riżultati mill-aqwa meta mkejla ma’ standards internazzjonali.

Fl-aħħar tal-Laqgħa, l-azzjonisti approvaw l-elezzjoni ta’ Dott Gianfilippo Maria Maiga u Mr Michael Zammit bħala diretturi tal-Bank.